

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 326/2010

tal-21 ta' April 2010

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 li jistabbilixxi nomenklatura ta' prodotti agrikoli għal rifużjoni tal-esportazzjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾ [Ir-Regolament Uniku dwar l-OKS], u b'mod partikolari l-Artikolu 170 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 ⁽²⁾ li jistabbilixxi nomenklatura ta' prodotti agrikoli għal rifużjoni tal-esportazzjoni fuq il-bażi tan-Nomenklatura Maqgħuda.

(2) In-nomenklatura tar-rifużjoni tippovdi li l-ġobnijiet għandhom ikunu eliġibbli għar-rifużjoni tal-esportazzjoni jekk jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi rigward il-materja xotta tal-ħalib u x-xaħam tal-ħalib. Tip partikolari ta' ġobon magħmul fxi Stati Membri ġodda jissodisfa dawk ir-rekwiżiti neċessarji iżda ma jibbenefikax minn rifużjoni minħabba li mhux kopert mis-sistema ta' klas-sifikazzjoni attwali tan-nomenklatura tar-rifużjoni tal-esportazzjoni. Minħabba l-importanza ta' dan il-ġobon partikolari għall-industrija tal-ħalib, ikun xieraq li jiżdedu l-kodiċijiet tal-prodott li jippermettu li dak il-ġobon ikun klassifikat taħt in-nomenklatura tar-rifużjoni tal-esportazzjoni.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009 tas-27 ta' Novembru 2009 li jstipula regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-liċenzji tal-esportazzjoni u r-rifużjonijiet tal-esportazzjoni għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ⁽³⁾, irrevoka r-Regolament (KE) Nru 1282/2006 tas-17 ta' Awwissu 2006 li jstipula regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 dwar liċenzji ta' esportazzjoni u rifużjonijiet dwar esportazzjonijiet tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ⁽⁴⁾. Ir-referenzi fin-noti ta' qiegħ il-paġna Nru 4 u 14 tat-Taqsima 9 tal-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 3846/87 għalhekk għandhom ikunu aġġornati.

(4) Ir-Regolament (KEE) Nru 3846/87 għalhekk għandu jkun emendat skont dan.

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 3846/87 huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 318, 4.12.2009, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 234, 29.8.2006, p. 4.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2010

Għall-Kummissjoni
Il-President
 José Manuel BARROSO

ANNEX

It-Taqsima 9 tal-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 3846/87 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata li ġejja għandha tiddaħħal wara l-entrata għall-kodiċi CN "ex 0406 90 27":

"ex 0406 90 29	--- Kashkaval:			
	---- magħmul mill-ħalib tan-nagħaġ u/jew tal-mogħoż	42	50	0406 90 29 9100
	---- magħmul esklussivament mill-ħalib tal-baqar	44	45	0406 90 29 9300"

(2) Fil-punt (b) tan-noti ta' qiegħ il-paġna Nru 4 u 14, l-ewwel sentenza għandha tinbidel b'dan li ġej:

"komponent ikkalkolat skont l-Artikolu 14(3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1187/2009 (ĠU L 318, 4.12.2009, p. 1)."